MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 366/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**
**VS**
**RONALD GERADA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ronald Gerada ta' 32 sena, bin Joseph u Rita nee' Barbara, mwieled 6 ta' Gunju 1978, residenti Triq Wied Glavan Xghajra, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 274878M;;

Talli fit- 28 ta' Frar 2011 ghal habta tat- 3.30p gewwa Hornworks Ditch, Floriana;

1) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew bh' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra

Enforcement Officer No. 220 Carmel Valletta, persuna nkarigata skont il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kien jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skont il- Ligi mill- awtorita’ komptetenti, u kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna tieghu skont kif iccertifika Dr. Sarah Henderson MD mid- dipartiment tal- Kura Primarja, Floriana;

Ukoll talli fl- istess jum, lok u cirkostanzi;

2) ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq Enforcement Officer No. 220 Carmel Valletta, persuna ta’ wiehed inkarigat skont il- Ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is- servizz jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is- servizz;

3) hebb ghall- Enforcement Officer No. 220 Carmel Valletta, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

4) dejjaq, ta fastidju jew ddiehek b’ Enforcement Officer No. 220, Carmel Valletta, persuna b’ dizabilita’;

5) volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku, b’ ghajjat u bil- glied;

6) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta reaqt waqt il- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta), il- Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D datata 26 ta’ Gunju 2009

7) il- Qorti hija gentilment mitluba sabiex titratta l- imputat li huwa recidiv b’ sentenza definittiva tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) fejn it- 28 ta’ Awwissu 2007 kien instab hati mill- Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D u kkundannat 15- il jum prigunerija effettivi;

8) il- Qorti hija gentilment miltuba sabiex tipprovdi ghas- sigurta’ tal- persuna ta’ Enforcement Officer No. 220 Carmel Valletta, jew sabiex jinzamm il- bonordni pubbliku, flimkien mal- piena jew minlfok il- piena applikabbli ghar- reat, torbot lill- hati b’ obbligazzjoni

tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill- Qorti

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat fiz-zmien tal-incident mertu ta' din il-kawza kien jahdem bhala xufier tal-linja. Dakinhar tal-incident hu kien qed isuq ix-xarabank tieghu meta gie mwaqqaf minn Carmel Valletta, EO 220 impjegat ma' Transport Malta. Valletta ghandu dizabilita' fizika li ma tippermettilux jimxi dritt. Hekk kif twaqqaf minnu, l-imputat nizel mix-xarabank u qaghad jizzuffjetta bl-ufficjal pubbliku, billi beda jimitah u jimxi bhalu. Valletta hassu umiljat b'dan l-agir tal-imputat, u kien ser jehodha kontrih u jirrabja ghalih, izda l-imputat qabad u tah daqqiet u nizzlu mal-art. Sar rapport lill-Pulizija, u ttiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti, dan il-kaz jirrizulta ppruvat bis-shih kontra l-imputat. Il-provi ma gew kontradetti bl-ebda mod, u ma kien hemm ebda forma ta' gustifikazzjoni ghall-agir tal-imputat. L-aggressjoni tal-imputat fil-konfront ta' ufficjal pubbliku kienet ghal kollox bla gost, zejda u kiefra ghall-ahhar. L-uniku fattur li llum qed jimmitiga favur temperament fil-piena huwa l-fatt li l-imputat ghandu impieg gdid mal-Arriva, u ghalkemm jidher li kellu inkontri ohra mal-EO Valletta, dawn qatt ma kellhom argument iehor. Barra minn hekk, il-prova dwar il-ksur ta' sentenza sospiza, u dwar l-addebitu tar-recidiva, ma saretx, u ghalhekk il-Qorti tista' taghti provvediment bhal sanzjoni fil-komunita' fil-konfront tal-imputat, flimkien ma' ordni ta' hlas ta' Danni li seta' sofra Valletta, li ser jigu likwidati mill-Qorti bhala *arbitrio boni viri*, kif ukoll ordni ta' garanzija favur l-istess Valletta, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 96, 221(1), 92, 95(1), 339(1)(d), 339(1)(n), 338(dd), 49, 28°, 28B u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tas-sitt u s-seba' imputazzjoni, u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

Issibu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni, izda minnflok piena tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) lil Carmel Valletta fi zmien tlitt (3) xhur, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Inoltre torbot lill-imputat b'garanzija tieghu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 ghal perijodu ta' sena, favur Carmel Valletta, taht penali ta' elf Ewro (€1,000) fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------